MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Numru. 1378/2011

**SPETTUR MAURICE CURMI**
**VS**
**GAETAN CONSALVO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Gaetan Consalvo ta’ 43 sena, bin Francesco u Giuseppa nee’ Paterno, mwieled Italja fl- 20 ta’ Settembru 1969, residenti 454, Silnave, Flat 1, Triq D’ Argens, Sliema u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 66016A;

Talli;

1) F’ Novembru 2011 u fix- xhur ta’ qabel f’ dawn il-Gzejjer, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiskru l- istess disposizzjonijiet tal- ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, b’ mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi

nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn €2,329.37 u cioe' is- somma ta' €3,000 ghad- dannu Josephine Cuschieri detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 227465M;

2) Aktar talli fl- istess zmien, lok u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar-radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' s-somma ta' €3,000 ghad- dannu ta' Josephine Cuschieri detentrici tal- Karta tal- Identita' bin- numru 227465M;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat, ragel ta' nazzjonalita' taljana, kellu relazzjoni mal-parti leza, Josephine Cuschieri, liema relazzjoni damet ghal bosta xhur, bejn wiehed u iehor. Tul ir-relazzjoni, Cuschieri kienet taghti somom ta' flus lil Consalvo, kif ukoll taghmillu rigali ta' diversi oggetti. Gara li l-imputat ma riedx ikompli din ir-relazzjoni. Malli gara hekk, sar rapport lill-Pulizija minn Cuschieri li l-imputat kien iffrodaha somma flus ta' aktar minn elfejn u tlitt mitt Ewro. Hi allegat li hu kellu jaghmel xoghol ta' tibjid u tikhil fil-fond taghha, u ghalhekk kienet hallsitu bil-quddiem, ghall-materjal li kellu jixtri u ghal affarjiet ohra. Min-naha tieghu, l-imputat jinnega li qatt kien hemm dan il-kuntratt ta' appalt, u jallega li hi riedet taghtih dawk il-flus bhala rigal biex jibqa' johrog maghha. Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Xehed l-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Maurice Curmi, li spjega li kien ircieva dan l-ilment minn ghand Josephine Cuschieri. Hi kienet indikatlu li kienet tat madwar elfejn Ewro lil wiehed taljan, Gaetano Consalvo, sabiex jaghmel xi xoghol ta' gypsum u tikhil u zebgha fil-fond taghha. Mill-investigazzjonijiet tieghu rrisulta li Consalvo u Cuschieri kienu jafu lil xulxin, u ghal xi zmien kellhom relazzjoni. Irrisultalu wkoll li Cuschieri kienet effettivament tat xi flus lil Consalvo, izda dan innega li qatt kien hadilha flus biex jaghmel xoghol fil-fond taghha. L-Ufficjal Prosekutur ha stqarrija minn ghand Consalvo u sussegwentement ressqu b'arrest fuq dawn l-imputazzjonijiet.

Il-Prosekuzzjoni ressqet bhala provi x-xiehda ta' Cuschieri, li kkonfermat il-verzjoni taghha, izda qalet li l-ammont ta' flus li kienet tat lill-imputat kien aktar minn dak indikat. Hi qalet li Consalvo kien offra li jaghmlilha xi xoghol ta' tibjid u tikhil, peress illi dak kien xogholu, u talabha thallas xi flus ghall-ispejjez tieghu. Hi qalet li t-total ta' flus li tatu kien ta' aktar minn tlitt elef Ewro, u dan fuq medda ta' ftit xhur. In sostenn ta' din l-allegazzjoni, hi esebiet estratt mill-kont bankarju taghha, fejn hemm numru ta' "withdrawals", u qalet li dawk il-flus kollha taghthom lill-imputat. Ma kellha ebda ricevuta ta' flus minn ghandu. Hi esebiet ukoll karta miktuba minnha fejn hemm indikat l-ammonti ta' flus li kienet tatu. Mill-kont bankarju, hi indikat li tatu s-somma ta' €3,125 u mill-karta miktuba indikat li tatu €3,000.

Bhala prova ohra fil-kawza, gew esaminati l-"mobile phones" tal-imputat u ta' Cuschieri, sabiex il-Qorti setghet tislet il-messaggi li kienu qed jinghaddu lil xulxin dwar ir-relazzjoni ta' bejniethom u dwar dan l-allegat negozju jew ftehim fuq xoghol ta' appalt fil-fond taghha. Dwar dan il-kontenut ta' messaggi l-Qorti sejra tikkummenta aktar tard.

In difesa, xehed l-imputat u qal li bejnu u Cuschieri kien hemm relazzjoni li damet ftit xhur, imbaghad hu waqqaf din ir-relazzjoni. Minkejja dan, hu baqa' jircievi messaggi minn ghandha. Dawn il-messaggi bdew isiru aktar

frekwenti u insolenti, sakemm Cuschieri hedditu li jekk ma jroddx lura l-flus kollha li kienet tatu, hi kienet ser tmur tirrapportah lill-Pulizija fuq frodi. Flistess waqt, baqghet tibghat messaggi li qed tahfirlu u li ma trid xejn minn ghandu u li riedet tiltaqa' mieghu. Hu nnega li qatt hadilha flus bhala kapparra ghal xoghol li kellu jaghmlilha fil-fond taghha. Hu qal li l-flus li kienet taghtih kienu rigali taghha, talli johorgu flimkien.

In sintesi, dawn huma l-provi li gew prodotti f'din il-kawza. Hija l-kelma ta' wiehed kontra l-kelma ta' l-ohra. Fuq dil il-bazi biss, il-Qorti tara li hemm nuqqas ta' provi konkreti kontra l-imputat. L-ipotesi tista' tkun jew wahda jew ohra. Jew vera kien hemm ftehim bejniethom ghal xoghol ta' gypsum, kisi u tibjid, u allura f'dak il-kaz ma jezistux l-elementi tal-frodi izda, semmai, jistghu jirrisultaw l-estremi tal-misapproprjazzjoni; jew inkella, l-flus li nghataw lill-imputat kienu biss rigali ta' affett lejh minn Cuschieri. Ghalhekk, il-Qorti trid tesamina x'seta' kien l-arrangament bejn il-partijiet biex tara kienx hemm htija fl-agir tal-imputat jew le.

Jekk nezaminaw ix-xenarju taht il-lenti li dan kien negozju bejn il-partijiet, hawn numru ta' karenzi sostanzjali. Cuschieri tghid li hi tat somom ta' flus ammontanti ghal aktar minn tlitt elef Ewro lill-imputat. Il-provi ta' dan, izda, huma dghajjfa wisq biex jitwemmnu. L-imputat jaccetta li kien ircieva flus minn ghandha, izda ma jistax jikkwantifika kemm. Min-naha taghha hi tghid li l-ammont kien dak indikat fic-citazzjoni. Prova ta' dan huma d-dokumenti tal-kont bankarju taghha u karta ohra zghira miktuba bl-idejn. Bid-dovut rispett, li Cuschieri tghid li somma ta' hames mitt Ewro migbuda minn ATM inghatat lill-imputat hija gratuwita u insostenibbli minghajr provi indizzjarji ohra. Huwa facli li tattribwixxi l-"withdrawals" kollha taghha minn ATM lill-imputat minghajr ebda bazi ohra soda. Tant hu hekk, li hi tindika b'biro fuq l-istess dokumenti tal-bank diversi ammonti li allegatament tat lil Consalvo, liema ammonti huma hafna aktar qrib ta' erbat elef Ewro. Meta ghamlet ir-rapport, hi indikat lill-Ispettur Curmi li kienu dovuti lilha elfejn Ewro, u bil-kitba fuq karta zghira taghi diversi ammonti f'total ta' tlitt elef Ewro ezatti. Apparti

minn hekk, hi qalet fix-xhieda taghha li ma kienetx inghatat ricevuta ghal dawn il-flus, mentri f’xi messaggi li kinet baghtet lill-imputat qabel ma nfethu dawn il-proceduri hi ssemmi r-ricevuta li kellha u li kienet sejra biha ghand il-Pulizija. Dan l-sms huwa datat 4 ta’ Novembru 2011 u jinsab indikat a fol. 104 tal-process. Li kieku giet esebita din ir-ricevuta, jekk verament tezisti, allura l-Qorti kien ikollha prova essenzjali tal-ftehim li kien intlahaq bejniethom, izda din ma gietx esebita.

Illi ghalhekk, huwa difficli li titwemmen il-verzjoni li kien hemm negozju ta’ appalt bejn l-partijiet. Apparti minn hekk, zgur ma jissussistux l-elementi ta’ truffa jew ta’ messa in xena ghar-reat ta’ frodi, u l-anqas ma jirrisulta li nghata flus li gie misapproprjat. Hija aktar verosimili l-verzjoni li jaghti l-imputat, li bejnhom kien hemm relazzjoni u Cuschieri kienet taghtih rigali ta’ flus u oggetti ohra, bhal ma jista’ jkun li kienet taghmel ma’ rgiel ohra.

Barra minn hekk, dawk il-messaggi ta’ bejniethom u l-messaggi l-ohra kollha li kienet tibghat Cuschieri huma indikattivi ferm. Minghajr wisq dilungar zejjed, u bid-dovut rispett kollu lejn Cuschieri, li llum m’ghadhiex maghna, huwa evidenti li hi kienet f’relazzjoni attiva ma’ diversi rgiel ta’ nazzjonalita’ taljana fl-istess waqt. Dan johrog car mid-diversi sms’s li hemm lil persuni taljani, fejn hi qed tisdedinhom ghal inkontri, u tweghedhom flus u rigali, apparti affarjiet ohra. U ghal aktar kjarezza, sahansitra saret traduzzjoni mit-taljan ghall-malti ta’ dawn il-messaggi kollha, sabiex zgur ma jkunx hemm ekwivoci dwar x’kien l-intendiment ta’ Cuschieri ma’ dawk l-irgiel taljani. Il-Qorti mhix ser tezamina dawn fis-sentenza taghha, ghalkemm ghamlet l-ezami necessarji taghhom biex waslet ghal din il-konkluzjoni fuq il-mertu.

Illi ghalhekk, hawnhekk si tratta ta’ relazzjoni intima bejn zewg persuni li giet mitmuma. Xejn anqas u xejn aktar. La hemm l-estremi tar-reat ta’ frodi, u l-anqas ta’ misapproprjazzjoni. Konsegwentement l-imputat ser jigi liberat minn kull htija u piena.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Wara li rat l- Artikoli 293, 294, 310(1)(b), 18, 308, 309, 17, 18, 23, 23A, 31, 532B, 532B u 533 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------